# 25. Il-Palma u l-Fawwara

Ħajtek, ja palma, mferrxa
tħaxwex u tiddi taħt ix-xemx sajfija;
u xniexel ta' bla għadd u l-friegħi jiżfnu
mal-fewġa dawwalija,

Ħsibthom ilsna leqqiena
t'ilma li jġelben qawwi minn Fawwara,
Fawwara ġġelben taħt ix-xemx u tisqi
is-siġar ta' ġox-xagħra;

L-għasafar ta' madwarek
ħsibthom sa jtaffu l-għatx minn dik id-dija;
u qolla fuq ras tfajla b'dik il-benna
ħsibtha se tkun mimlija.

*   *   *

Rajtek, Fawwara, mferrxa
traxxax u tilma taħt ix-xemx ta' Mejju,
u l-ħjut bla għadd u l-ilsna leqqenija
ġo dak ir-raxx hekk ħlejju,

Ħsibthom fergħat tal-fidda
ħerġin minn Palma, taħt ix-xemx sajfija,
Palma tiżżeffen, tħaxwex ġewwa l-fewġa,
u tilgħab fl-art dellija;

L-għasafar ta' madwarek
ħsibthom sa jbejtu fik u jfesdqu l-għana;
u tfajla qrib ħsibtha sa taqta' fergħa
u tiżfen ħdejk ferħana.